MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1487/2005

**J.N. & M. Micallef Ta' Karla Ltd (C5004)**

**Vs**

**Gerald sive Jerry Rapinett**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u erbghin Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm541.71), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2005 fejn l-ammont mitlub gie ridott ghas-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin Liri Maltin u

seba` u erbghin centezmu (Lm253.47) bl-imghax mis-17 ta' Ottubru 2005, stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ra ukoll ix-xhieda li ta' l-istess konvenut fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2005 fejn ammetta l-ammont riklamata mis-socjeta` attrici u iddikjara illi kien hallas l-ammont ta' Lm350 fil-mori tal-kawza – ghalhekk allura in-nota ta' riduzzjoni hawn fuq msemmi – u talab ukoll ghal ftit aktar zmien sabiex ihallas il-bilanc li kien ghadu dovut;

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2005 l-konvenut ma deherx u s-socjeta` attrici infurmat lit-Tribunal illi l-hlas tal-bilanc kien baqa` ma sarx u in fatti talbet illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni anke in vista tax-xhieda tal-konvenut stess fis-seduta precedenti;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici hija ammessa mill-istess konvenut u ghalhekk tirrizulta, kif ridotta, sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin Liri Maltin u seba` u erbghin centezmu (Lm253.47), bl-imghax mis-17 ta' Ottubru 2005 u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------